

Brussell, 18 ta' Novembru 2025  
(OR. en)

15459/25

**AGRILEG 178**  
**PESTICIDE 26**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	13 ta' Novembru 2025
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D110023/02
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-flupiradifuron u għall-fosfonat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D110023/02.

---

Mehmuż: D110023/02



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, **XXX**  
PLAN/2025/1930  
(POOL/E4/2025/1930/1930-EN.docx)  
D110023/02  
[...](2025) **XXX** draft

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'XXX**

**li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-flupiradifuron u għall-fosfonat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

**li jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-flupiradifuron u għall-fosfonat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

- (1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għas-sustanzi attivi flupiradifuron u fosfonat tal-potassju ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/581<sup>2</sup>, li japplika mis-17 ta' April 2025, emenda r-Regolament (KE) Nru 396/2005 billi stabbilixxa l-MRLs tal-flupiradifuron fl-ananas u fiż-żerriegħa tal-ġirasol. Madankollu, dawk l-MRLs stabbiliti fir-Regolament (UE) 2025/581 ġew sostitwiti mill-MRLs stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/2640<sup>3</sup> li, għalkemm adottat qabel ir-Regolament (UE) 2025/581, japplika mit-30 ta' April 2025. Dan minħabba żball klerikali fis-sekwenza tad-dati tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2025/581 u r-Regolament (UE) 2024/2640.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2025/581 emenda wkoll ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 billi stabbilixxa l-MRLs tal-fosfonat tal-potassju fil-"ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata", ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ, skalora/indivja bil-weraq wesgħin, krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn, krexxuni tal-art, aruka, mustarda ħamra, ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika), "ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata, oħrajn", "spinaċi u weraq simili", burdliq, weraq tas-selq, "spinaċi u weraq simili, oħrajn", krexxuni, artiċokks, żerriegħa tal-peprin, xgħir, ħafur u segala. Madankollu, dawk l-MRLs stabbiliti fir-Regolament (UE) 2025/581 ġew sostitwiti mill-MRLs stabbiliti fir-Regolament (UE)

<sup>1</sup> ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj>.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2025/581 tas-27 ta' Marzu 2025 li jemenda l-Annessi II u IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għaċ-ċiklossidim, għad-diklorprop-P, għall-flupiradifuron, għall-metilnonilketon, għaż-żjut tal-pjanti/għaż-żejt taċ-ċitronella, għas-sorbat tal-potassju u għall-fosfonat tal-potassju f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L, 2025/581, 28.3.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/581/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/2640 tad-9 ta' Ottubru 2024 li jemenda u li jikkoreġi l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-1,4-dimetilnaftalen, għall-aċidu difluworoaċetiku (DFA), għall-fluwopiram u għall-flupiradifuron f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L, 2024/2640, 10.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2640/oj>).

2024/2619<sup>4</sup> tat-8 ta' Ottubru 2024 li, għalkemm adottat qabel ir-Regolament (UE) 2025/581, japplika mid-29 ta' April 2025. Dan minħabba żball klerikali fis-sekwenza tad-dati tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2025/581 u r-Regolament (UE) 2024/2619.

- (4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 jenħtieġ li jiġi kkoregūt kif xieraq.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa kkoregūt f'konformità ma-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*

---

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2024/2619 tat-8 ta' Ottubru 2024 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għall-fosetil, għall-fosfonati tal-potassju u għall-fosfonat tad-disodju f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L, 2024/2619, 9.10.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2619/oj>).